31976R2300

L 260/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.9.1976

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2300/76
tal-20 ta Settembru 1976
li jikkonkludi il-Ftehim Qafas għall-koperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropeja, u partikolarment Artikoli 113 and 235,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-konklużjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea tal-Ftehim Qafas għal koperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada, iffirmat f "Ottawa fis-6 ta' Lulju 1976, jidher neċessarju għall-ksib tal-għanijiet tal-Komunità fl-isfera ta' relazzjonijiet ekonomiċi esterni; billi ċerti forom ta' koperazzjoni ekonomika maħsuba fil-Ftehim jeċċedu l-poteri ta' azzjoni kif speċifikati fl-isfera tal-politika kummerċjali komuni,"

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Ftehim Qafas għal koperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada huwa hawn konklużż għan-nom tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' dan ir-regolament.

Artikolu 2

Bis-saħħa ta' Artikolu VIII tal-Ftehim, il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika li l-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim tlestew min-naħa tal-Komunità Ekonomika Ewropea [2].

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 20 ta Settembru 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

M. van der STOEL

[1] Fehma mogħtija fl-14 ta Settembru 1976 (għadha mhux ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

[2] Id-data tad-dħul fis-seħħ ta dan il-Ftehim ser tiġi ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.